**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63/2017

**11 ta' Jannar, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Viċi Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Joseph Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**SKUŻATA:**

Noyah Spiteri – Kunsilliera

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli ppresjediet il-laqgħa fejn awgurat lill-Kunsilliera l-isbaħ xewqat għas-sena 2017 u rringrazzjathom tal-kollaborazzjoni tagħhom.

### 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Is-Sindku qrat l-email tal-Kunsilliera Noyah Spiteri fejn infurmatna li ma tistax tattendi għax għandha l-eżamijiet. Il-Kunsill unanimament approva li l-iskuża hi ġustifikata.

### 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

63.2.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 62 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo ssekondat mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku qrat ittra mibgħuta mill-uffiċju tal-Kummissjoni Elettorali dwar il-mili tal-post ta' Kunsillier wara riżenja tal-Kunsillier Alfred Attard. Il-Kummissjoni għarfet lill-Kunsill li s-Sur Raymond Balzan ġie elett Kunsillier skont ir-Regolament 91 tat-tielet skeda u l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) f'elezzjoni każwali li saret fl-Uffiċċju Elettorali it-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2016.

63.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi rigward ir-*Residential Parking* fejn infurmana li t-taħdidiet mal-privat fallew u issa se jsir tentattiv li ssir bil-fondi tal-Ewropa fejn se jiġi nkoraġit l-użu tat-trasport bil-baħar. Il-Kunsill unanimament approva li niftħu diskussjonijiet mal-Ministru għax għandna l-interess li nkunu parteċipanti.

## 63.4 Pagamenti – Diċembru 2016/Jannar 2017

63.4.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2016 u l-ewwel nofs ix-xahar ta' Jannar, 2017.

63.4.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tal- Kunsillier Pablo Cachia Belli ssekondata mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

## 63.5 Performance Bonuses lill-Impjegati għas-Sena 2016

63.5.1 Il-Kunsill ġie preżentat bil-*Performance Bonus Appraisal* tal-erba' impjegati tal-Kunsill. Wara konsiderazzjoni, il-Kunsill unanimament approva li jħallas il-massimu tal-*performance bonus* jiġifieri 10% lis-Segretarju Eżekuttiv u 6 % għat-tliet impjegati l-oħra tal-Kunsill.

63.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għan-nom tiegħu u tal-impjegati kollha rringrazzja lill-Kunsill tal-apprezzament tax-xogħol li sar matul is-sena 2016.

## 63.6 Akkumular ta' Vacation Leave tal-impjegati għas-sena 2017

63.6.1 Il-Kunsill ġie preżentat b'lista tal-*vacation leave* tal-impjegati li ma tteħidx fis-sena 2016 biex jiġi akkumulat għas-sena 2017.

63.6.2 Wara kunsiderazzjoni il-Kunsill unanimament approva wara votazzjoni.

## 63.7 Tender KLB 01/2017 – Knis ta' Toroq

63.7.1 Kopja ta' Tendet KLB 01/2017 – Knis ta' Toroq ġiet preżentata fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni.

Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament approva t-tender kif preżentata u li għandha toħroġ immedjatament.

## 63.8 Laqgħa Pubblika tal-Lokalita' 2016

63.8.1 Il-Kunsill unanimament approva l-aġenda tal-laqgħa pubblika kif ukoll li l-laqgħa ssir fil-bini tal-Kunsill nhar l-Erbgħa l-1 ta' Frar fis-6.30pm.

## 63.9 Estimi Finanzjarji 2017

63.9.1 Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' estimi finanzjarji tad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi biex fuqhom jiġi mfassal il-budget 2017.

63.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li ssir il-laqgħa Pubblika fl-1 ta' Frar, 2017 jibda jinħadem il-budget għas-sena 2017 fejn wara jiġi preżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

## 63.10 Mozzjonijiet

63.10.1 <u>Mozzjoni Nru 01-2017 (VII)</u>

*Fid-dawl li fuq ordni tal-Kunsill, tneħħiet l-iskip li kien hemm fi Triq Alessandra quddiem l-entratura għall-Middle School, Kulleġġ Santa Margerita, u issa qiegħed xorta waħda jkun hemm abbużi kbar f'dak li għandu x'jaqsam ma' rimi ta' skart, qiegħed niproponi li l-Kunsill jikkunsidra li jinstalla CCTV f'din iż-żona.*

*Fl-istess waqt, nissuġġerixxi wkoll li tiġi estiża s-sistema ta' CCTV tal-uffiċju tal-Kunsill Lokali b'tali mod li tkopri quddiem il-binja tal-istess Kunsill u l-madwar.*

Proponent: Il-Kunsillier Roderick Mamo
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

## 63.11 Korrispondenza

63.11.1 <u>Reserved Car Park fi Triq San Ġorġ (05/0013/17)</u>
Is-Sur Glenn Charles Jones direttur ta' Andromeda Group Ltd bl-indirizz 105, Triq San Ġorġ talab lill-Kunsill sabiex ikollu żewġ *parking bays* quddiem

l-imsemmija *Guest House*.

Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li ninfurmawh li l-Kunsill jinsab fi trattattivi li tinbena *car park* fil-viċinanzi tal-*Guest House* tiegħu.

63.11.2 <u>Ġemellaġġ mal-Comune di Vignanello (05/3982/16)</u>

Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Sur Vincenzo Grusselli, Sindku tal-Comune di Vignanello l-Italia sabiex niffurmaw ġemellaġġ fuq bażi li Vignanello għandhom konnessjoni qawwija mal-Kavallieri ta' Malta apprati temi oħra.

L-għan ewlieni hu li delegazzjoni uffiċċjali mill-Kunsill Loakli ta' Bormla jiġu nvitati bħala ospiti f'żewġ proġetti ewropej. Għal dan il-għan il-Kunsill ta' Vignanello huma f'kuntatt ma aġenzija ta' konsulenza fil-materja ta' finanzjamenti ewropej.

Wara konsiderazzjoni, il-Kunsill unanimament approva li jaqbel ma l-idea tas-Sindku Grasselli sakemm ningħataw dettalji ċari u spjegazzjoni ċara tal-finanzi meħtieġa mill-Kunsill ta' Bormla għal dawn iż-żewġ proġetti.

63.11.3 <u>Bdil ta' Lampa fi Triq Abram Gatt (05/3826/16)</u>

Is-Sur Duncan Ellard talab lill-Kunsill sabiex jitneħħew kaxxi u wire tal-elettriku żejda mwaħħlin mal-faċċata tiegħu f'nru 19, Triq Abram Gatt kif ukoll jitneħħa l-ħoss ta' vibrazzjoni li qed jidditurbah milli jorqod komdu.

Il-Kunsill unanimament approva li nqabbdu l-kuntrattur jispezzjoni u jirrimedja.

63.11.4 <u>Linji sofor – 77 Triq San Ġwann (05//0047/17)</u>

Is-Sur Gordon Farrugia talab li jsiru linji sofor mal-garaxx tiegħu 77, Triq San Ġwann bil-għan li jkun jista' jidħol u joħroġ bil-karozza tiegħu mill-garaxx.

Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel żewġ linji sofor ta' metru mal-kanunieri tal-garaxx imsemmi.

## 63.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.13.01 Il-laqgħa intemmet fid-9.05pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar, 2017 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 15 ta' Frar, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA<br>DUNCAN HALL ghal |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Joseph Caruana** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |